MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2010

Rikors Numru. 316/2009

**Atlas Insurance PCC Limited (C-5601) bhala surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited kif ukoll l-istess Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited**

**Vs**

**United Equipment Co (UNEC) Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta’ attrici et talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta’ attrici et is-somma ta’ €4852 (kwantu ghall-€3,915.66 rappresentanti id-danni, €582.34 l-excess u €354 engineer’s fees) bhala danni subiti fil-makkinarju li l-assigurat taghhom garrab fiha wara li huwa akkwistha minghandhom, ghall-liema danni, in parti, ghamlet tajjeb is-socjeta’ rikorrenti

assiguratrici ai termini tal-polza ta’ assigurazzjoni esistenti bejniethom u ghalhekk tinsab surrogata fid-drittijiet tal-istess.

Bl-imghax legali mid-data tal-pagament u cioe mill-2 ta’ Lulju 2008 u bl-ispejjes kontra l-intimata li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta’ konvenuta (fol 7 ibid) u li biha esponiet bir-rispett:-

(1) illi preliminarjament, il-kawza esperita mill-atturi hija insostenibbli stante illi l-azzjoni esperita hija wahda ghad-danni u mhux l-azzjoni *redhibitoria* jew dik *aestimatoria* kif kontemplat fil-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema fatt jirrispekkja min-nuqqas ta’ talba sabiex din l-Onorabbli Qorti tiddikjara li l-makkinarju in kwistjoni kien afflitt minn difett latenti u kif ukoll min-nuqqas ta’ talba sabiex din il-Qorti tirrexxindi l-kuntratt jew tordna t-tnaqqis fil-prezz;
(2) Illi preliminarjament ukoll, u in ogni kaz, azzjoni naxxenti minn allegat difett mohbi hija ormaj perenta;
(3) Illi fil-meritu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta’ konvenuta mhijiex responabbli ghall-allegati danni stante illi hija ma kkawzat l-ebda danni;
(4) Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, is-somma mitluba mis-socjeta’ attrici hija ezagerata, u dan kif jirrizulta b’mod inekwivokabbli mill-Avviz *de quo* fejn is-socjeta’ attrici stess tiddikjara illi zbursat parti biss mill-ammont mitlub;
(5) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes kontra is-socjeta’ attrici.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi in konnessjoni mal-ewwel (1) u t-tieni (2) eccezzjoni l-unici provi prodotti kienu ix-xhieda ta' Marcus Bonnici (16 ibid) u d-dokumenti a fol 12 sa fol 15 tal-istess atti, kollha prodotti mis-socjeta' konvenuta). L-istess xhud kien xehed dwar id-dokument markat Dok A a fol 13, u wara li kkonferma li l-istess dokument kien il-fattura mahruga in rigward il-makkinarju in kwistjoni specifika li d-data tal-istess fattura ergo tal-bejgh, bil-istess makkinarju kienet is-7 ta' April, 2003. In rigward iz-zewg dokumenti l-ohrajn a fol 14 u fol 15, l-ewwel wiehed hu kopja ta' ittra datata t-23 ta' Ottubru 2008 u li biha is-socjeta' konvenuta giet interpellata, vis-à-vis l-incident li sehh fl-4 ta' April 2008, u l-hsarat konsegwenzjali, sabiex thallas is-somma hemm indikati minhabba li l-istess makkinarju mixtri minghand is-socjeta' konvenuta kien allegatament difettuz. It-tieni dokument hi l-ittra responsiva datat t-30 ta' Ottubru 2008 u li fiha gew respinti l-allegazzjonijiet bhala infondati.

Ikkunsiderat

Illi hu minnu illi, fl-avviz in esami ma hemm l-ebda referenza ghall-azzjoni 'redhibitoria' jew 'aertimatoria' u ghalhekk ma jidhrix li l-istess azzjoni hi bbazata fuq il-garanzija li kull venditur ghandu jaghti in konnessjoni ma' difetti mohbija. Pero' jidher ukoll illi l-istess azzjoni hi bazata fuq danni kontrattwali kif regolati mill-Kodici Civili fl-artikoli 1125 et tal-istess Kodici u artikoli ohra li jistghu jkunu applikabbli

Illi ghalhekk, l-ewwel zewg eccezzjonijiet ma humiex sostenibbli u ghandhom jigu michuda.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tichad l-ewwel (1) u t-tieni (2) eccezzjoni in esami bl-ispejjes riservati.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------